31986D0006

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Jannar 1986

li taċċetta

għan-nom tal-Komunità, ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Doganali tas-16 ta' Ġunju 1982 li tikkonċerna l-produzzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-merkanzija permezz ta' printers tal-kompjuter jew oħrajn awtomatiċi

(86/6/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il- Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkonsidera il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Doganali tas-16 ta' Ġunju 1982 li tirrigwarda l-produzzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-merkanzija permezz ta' printers tal-kompjuter jew oħrajn awtomatiċi tista' tiġi aċċettata mill-Komunità b'effett immedjat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Doganalitas-16 ta' Ġunju 1982 li tirrigwarda l-produzzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-merkanzija permezz ta' printers tal-kompjuter jew oħrajn awtomatiċi qegħda permezz tal-preżenti tiġi aċċettata mill-Komunità b'effett immedjat,

It-test tar-rakkomandazzjoni huma mehmuż ma' din id-Deċiżjoni

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill qiegħed permezz tal-preżenti jiġi awtorizzat sabiex jinnomina l-persuna li jkollha s-setgħa li tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Doganali bl-aċċettazzjoni mill-Komunità, b'effett immedjat, tar-rakkomandazzjoni msemmija fl-Artikolu 1.

Magħmul fi Brusel, fl-20 ta' Jannar 1986.

Għall-Kunsill

Il-President

G. BRAKS

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL TA' KOOPERAZZJONI DOGANALI

tas-16 ta' Ġunju 1982

li tirrigwarda l-produzzjoni ta' dikjarazzjonijiet tal-merkanzija permezz ta' printers tal-kompjuter jew oħrajn awtomatiċi

IL-KUNSILL TA' KOOPERAZZJONI DOGANALI,

Xewqan li jiffaċilita it-twettiq ta' formalitajiet fil-kummerċ internazzjonali billi jippermetti lid-dikjaranti li jagħmlu l-akbar użu possibbli tal-metodi moderni għall-produzzjoni tad-dokumenti tal-kummerċ internazzjonali,

Billi ikkonsidera li t-tekniċi ta' ipproċessar awtomatiku tat-tagħrif jagħmilha possibbli għad-dikjaranti sabiex jipproduċu dikjarazzjonijiet tal-merkanzija, permezz ta' printers tal-kompjuter jew oħrajn awtomatiċi fuq formoli stampati minn qabel jew fuq karta vojta, li sostanzjalment ikunu jikkonformaw mal-mudell uffiċjali speċifikat mid-Dwana jew minn awtoritajiet kompetenti oħra,

Jirrakkomanda li l-Istati, kemm jekk Membri tal-Kunsill kif ukoll jekk mhumiex, u l-unjonijiet Doganali jew Ekonomiċi għandhom jawtorizzaw lid-dikjaranti, taħt kondizzjonijiet li għandhom jiġu stipulati mid-Dwana jew minn awtoritajiet kompetenti oħra, sabiex jipproduċu d-dikjarazzjonijiet tal-merkanzija tagħhom permezz ta' printers tal-kompjuter jew oħrajn awtomatiċi, fuq formoli stampati minn qabel jew fuq karti vojta. It-tali awtorizzazzjoni tista' tkun soġġetta, b'mod partikolari, għall-kondizzjoni illi d-dikjarazzjonijiet prodotti b'dan il-mod ikunu jikkonformaw sostanzjalment mal-mudell uffiċjali speċifikat mill-awtoritajiet Doganali jew minn awtoritajiet kompetenti oħrajn,

Jitlob lill-Istati, kemm jekk Membri tal-Kunsill kif ukoll jekk mhumiex, u lill-unjonijiet Doganalijew Ekonomiċi li jaċċettaw din ir-rakkomandazzjoni sabiex jinnotifikaw lis-Segretarju-Ġenerali bl-aċċettazzjoni tagħhom, u bid-data minn liema għandhom japplikaw ir-rakkomandazzjoni, u nil-kondizzjonijiet ta' l-applikazzjoni tagħha Is-segretarju-Ġenerali għandu jibgħat dan it-tagħrif lill-amministrazzjonijiet Doganali tal-Membri kollha. Għandu wkoll jibgħatu lil kull amministrazzjoni Doganali ta' dawk li mhumiex membri jew lil kwalunkwe unjoni Doganali jew Ekonomika li tkun aċċettat din ir-rakkomandazzjoni.